



Brussell, 15 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

14064/20

HYBRID 47	EDUC 444
DISINFO 48	AUDIO 63
AG 70	DIGIT 153
PE 106	INF 223
DATAPROTECT 152	COSI 251
JAI 1112	CSDP/PSDC 643
CYBER 279	COPS 480
JAIEX 120	POLMIL 199
FREMP 147	IPCR 50
RELEX 1010	PROCIV 97
CULT 89	CSC 362

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13626/20

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-għieda kontra t-theddid ibridu, inkluż id-diżinformazzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill imsemmijin hawn fuq approvati mill-Kunsill permezz tal-proċedura bil-miktub fil-15 ta' Diċembru 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu, inkluż id-diżinformazzjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19

1. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill Ewropew¹ u tal-Kunsill², u jirrikonoxxi li l-pandemija tal-COVID-19 tenfasizza l-ħtieġa li jiġu intensifikati l-isforzi u l-inizjattivi li għaddejjin bħalissa biex l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u s-soċjetajiet tagħhom u l-istituzzjonijiet tal-UE jiġu protetti mit-theddid ibridu u mill-effetti dannużi tiegħu. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà unika tal-Istati Membri fi kwistjonijiet ta' sigurtà nazzjonali, il-Kunsill jinnota li:
 - it-theddid ibridu jikkostitwixxi sfida dejjem akbar għas-sigurtà, l-istabbiltà u l-valuri u l-prinċipji komuni tal-UE;
 - atturi statali u mhux statali ostili għandhom l-għan li jvaraw u jużaw għodod inqas konvenzjonali sabiex ifixxlu, jimminaw jew inaqqsu l-leġittimità tad-demokrazzji u tal-istituzzjonijiet demokratiċi, jinterferixxu fil-proċessi elettorali, jaqsmu l-popolazzjonijiet jew jestendu l-influwenza diskreta tagħhom b'mod ġenerali;
 - teknoloġiji u kriżijiet ġodda bħall-pandemija li għaddejja bħalissa joffru lill-atturi ostili opportunitajiet biex iżidu l-attivitajiet ta' ndħil tagħhom, li jirrappreżentaw għall-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE sfida addizzjonali minbarra l-kriżi nnifisha.
2. Irridu nipproteġu s-soċjetajiet u l-istituzzjonijiet demokratiċi tagħna minn [...] theddid ibridu li joriġina minn atturi statali u mhux statali ostili. L-indirizzar ta' theddid bħal dan, inkluż attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, diżinformazzjoni u theddid għas-sigurtà ekonomika jeħtieġ approċċ komprensiv b'kooperazzjoni u koordinazzjoni li jaħdmu tajjeb.

¹ B'mod partikolari, il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2019, Marzu 2019, Diċembru 2018, Ottubru 2018, Ġunju 2018, Marzu 2018, Ġunju 2015 u Marzu 2015.

² B'mod partikolari, ST 14972/19, ST 10048/19, ST 6573/1/19 REV1, ST 10255/19, ST 12836/19, ST 7928/16.

Fil-livell tal-UE dan għandu jinkludi kapaċità ta' analiżi awtonoma, kapaċitajiet teknoloġiċi msaħħa, u l-prijoritizzazzjoni tal-konċentrazzjoni fuq ir-riżorsi finanzjarji u umani, u tar-ridistribuzzjoni tagħhom. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-progress li sar fuq l-implimentazzjoni tal-Qafas Konġunt biex jiġi Miġġieled it-Theddid Ibridu u l-Komunikazzjoni Konġunta biex Inżidu r-Reżiljenza u Nsaħħu l-Kapaċitajiet biex Nindirizzaw it-Theddidiet Ibridi kif ukoll fuq il-Pjan ta' Azzjoni kontra d-Diżinformazzjoni, il-Komunikazzjoni Konġunta dwar id-Diżinformazzjoni dwar il-COVID-19 u l-Pakkett "Għal kisba ta' Elezzjonijiet Ewropej Liberi u Ġusti" skont il-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew. Il-Kunsill jistieden lill-partijiet ikkonċernati kollha involuti biex ikomplu jżidu l-isforzi tagħhom u jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-għanijiet definiti fid-dokumenti msemmija hawn fuq.

3. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-pandemija tal-COVID-19 tagħmel lill-UE u lill-Istati Membri tagħha aktar vulnerabbli għal theddid ibridu, inkluż permezz tat-tixrid intensifikat tad-diżinformazzjoni u l-interferenza manipulattiva. It-tentattivi qed isiru aktar sofistikati u qed jiżdiedu fil-volum. Il-Kunsill jirrikonoxxi li l-approċċ tal-UE biex tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni huwa multidixxiplinarju u jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Rappreżentant Għoli biex:
 - ikomplu jtejbu r-risponsi fil-livell tal-UE, b'kont meħud tal-ħsara ekonomika u dik għas-soċjetà, kif ukoll il-ħsara possibbli għas-saħħa pubblika, ikkawżata mid-diżinformazzjoni u l-użu malizzjuż ta' teknoloġiji emerġenti ġodda, li jinkludu iżda mhumiex limitati għall-intelliġenza artifiċjali;
 - jiżviluppaw approċċ olistiku, sistematiku u proattiv biex jindirizzaw il-fenomeni, b'mod partikolari filwaqt li jirrikonoxxu li, fil-kuntest tat-theddid ibridu, l-indħil barrani jirrappreżenta sfida transsettorjali, li għandha tiġi riflessa fl-isforzi tal-UE u tal-Istati Membri biex jindirizzawha, li jvarjaw minn miżuri preventivi, il-kxif, il-kwalifika u l-identifikazzjoni tas-sors, għal risponsi ta' politika adegwati u effettivi li jistgħu jimponu spejjeż fuq l-atturi statali u mhux statali barranin ostili bit-tisħiħ tar-reżiljenza tas-soċjetà, il-protezzjoni tal-integrità tad-dibattitu pubbliku u mezzi oħra.

Għal dan il-għan, il-Kunsill jisħaq fuq l-importanza li jiġu allokati biżżejjed riżorsi lill-Istituzzjonijiet rilevanti tal-UE u jheghegħ lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli, flimkien mal-Istati Membri, biex ikomplu jsaħħu t-Task Forces tad-Diviżjoni tal-Komunikazzjoni Strateġika tas-SEAE u jiżviluppaw is-Sistema ta' Twissija Bikrija bil-ħsieb li tiġi żviluppata pjattaforma komprensiva għall-Istati Membri u l-Istituzzjonijiet tal-UE. Minbarra dan u skont il-konklużjonijiet tiegħu ta' Diċembru 2019, il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli biex jivvaluta l-ħtiġijiet u l-possibbiltajiet fir-rigward tat-tisħiħ tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni strateġika tiegħu fiż-żoni ġeografiċi l-oħra kollha b'mod bilanċjat kif ukoll biex jieħu kont ta' atturi ibridi emerġenti ġodda, li jinvolve ruħhom f'attivitajiet li l-għan tagħhom huwa li jheddu s-sigurtà tal-UE u/jew l-Istati Membri tagħha, filwaqt li jżomm il-kapaċità meħtieġa biex iwettaq il-kompiti ta' komunikazzjoni strateġika eżistenti.

4. Il-Kunsill jilqa' l-Valutazzjoni tal-Implimentazzjoni u l-Effettività tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Dizinformazzjoni³. Huwa jirrikonoxxi l-progress li sar u jissottolinja l-importanza li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet tal-Kodiċi ta' Prattika identifikati fil-valutazzjoni. Huwa jqis li l-passi li jmiss biex id-diżinformazzjoni tiġi indirizzata fil-livell nazzjonali u dak tal-UE jistgħu jinvolve firxa ta' approċċi, inkluż il-possibbiltà li jkun hemm qafas regolatorju jew koregolatorju u l-mezzi meħtieġa għal awditjar indipendenti, kemm mir-regolaturi kif ukoll mis-soċjetà ċivili, b'mod partikolari f'termini ta' aċċess għad-data. Abbażi ta' dan, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni biex tiżviluppa u eventwalment timplimenta aktar rekwiżiti ta' trasparenza għall-pjattaformi online. L-għan ta' dawn ir-rekwiżiti jkun li titrawwem sfera pubblika diġitali li taħdem tajjeb, responsabbiltà akbar u trasparenza mtejbja fl-indirizzar tad-diżinformazzjoni. Dawn il-miżuri għandhom ikunu bbażati fuq il-primat tad-drittijiet fundamentali, speċjalment il-libertà ta' espressjoni, kif ukoll id-diskors pubbliku demokratiku. Il-Kunsill jilqa' l-varar tal-Osservatorju Ewropew tal-Media Diġitali f'Ġunju 2020 li għadda u jissottolinja l-ħtieġa għal aktar miżuri b'appoġġ għall-media u l-litteriżmu diġitali għall-gruppi ta' kull età, kif ukoll għall-pluraliżmu tal-media, l-indipendenza tal-media u l-verifika tal-fatti, bil-għan li s-soċjetajiet tagħna jingħataw is-setgħa li jiġġieldu kontra d-diżinformazzjoni u riskji oħra magħmula possibbli u amplifikati minn teknoloġiji ġodda.

³ "Assessment of the Code of Practice on Disinformation - Achievements and areas for further improvement" (Valutazzjoni tal-Kodiċi ta' Prattika dwar id-Diżinformazzjoni - Kisbiet u oqsma għal aktar titjib), 10 ta' Settembru 2020.

5. Il-Kunsill jieħu nota tal-Pjan ta' Azzjoni għad-Demokrazija Ewropea tal-Kummissjoni u ser jeżamina l-kontenut tiegħu bir-reqqa u jerġa' lura għall-kwistjoni fix-xhur li ġejjin.

6. L-indirizzar tat-theddid ibridu jeħtieġ għarfien komprensiv tas-sitwazzjoni (inkluż il-kapaċità li jinkixef, jiġi identifikat u jiġi analizzat dan it-theddid inkluż is-sors tiegħu), it-tisħiħ tar-reżiljenza u miżuri biex jiġi miġġieled dan it-theddid. Dan ser jeħtieġ azzjonijiet fil-livell nazzjonali, tal-UE u dak internazzjonali f'kooperazzjoni mas-sħab, inkluż is-settur privat u s-sidien u l-operaturi ta' infrastruttura u servizzi kritiċi.

Il-Kunsill jieħu nota tal-ħidma tal-Kummissjoni flimkien maċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu dwar "The Landscape of Hybrid Threats: A Conceptual Model" (Ix-Xenarju tat-Theddid Ibridu: Mudell Kunċettwali)⁴. Huwa jirrikonoxxi li l-kunċettwalizzazzjoni tat-theddid ibridu u t-terminoloġija relatata hija importanti għall-identifikazzjoni tagħhom bil-ħsieb li tittejjeb il-koerenza bejn il-miżuri Ewropej u dawk nazzjonali biex tissaħħaħ ir-reżiljenza u biex it-theddid ibridu jiġi miġġieled b'mod aktar effettiv u simplifikat. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lill-Rappreżentant Għoli biex ikompli l-ħidma tagħhom u biex jiżviluppaw il-Mudell Kunċettwali, abbażi tal-Boxxla Strateġika, u f'konformità mal-aġġornament tal-Azzjoni 1 tal-Qafas Konġunt tal-2016, bil-għan li dan isir qafas għal risponsi, miżuri ta' reżiljenza u indikaturi ta' reżiljenza relatati, sostnut bi studji tal-każijiet.

Barra minn hekk, dan il-mudell jista' jitqies bħala għodda ta' gwida għall-iżvilupp ta' inizjattivi futuri li jikkonċernaw it-theddid ibridu fil-livell Ewropew u jista' jiġi kkunsidrat mill-Istati Membri meta jiżviluppaw l-istrutturi u l-inizjattivi nazzjonali tagħhom. Din il-ħidma tista' tikkontribwixxi wkoll għall-analiżi ta' risponsi komprensivi u kkoordinati għal azzjonijiet ibridi, fejn xieraq, fil-livell nazzjonali u tal-UE, b'kont meħud tal-firxa sħiħa possibbli ta' għodod.

⁴ Giannopoulos, G., Smith, H., Theocharidou, M., "The Landscape of Hybrid Threats: A conceptual model" (Ix-Xenarju tat-Theddid Ibridu: Mudell Kunċettwali), Kummissjoni Ewropea, Ispra, 2020, PUBSY Nru 117280.

7. Il-Kunsill jieħu nota tal-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tal-2020 tal-Kummissjoni, li tipprevedi l-iżvilupp ta' approċċ ġdid u aktar proattiv għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu. Il-Kunsill jinnota l-isforzi li għaddejjin bħalissa fir-rigward tal-ħolqien ta' pjattaforma online ristretta li sservi bħala referenza għall-Istati Membri rigward l-ġhodod u l-miżuri għall-ġlieda kontra t-theddid ibridu fil-livell tal-UE. Il-Kunsill jaqbel mal-konċentrazzjoni fuq l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet ibridi fit-tfassil tal-politiki, filwaqt li jkompli jenfasizza l-ħtieġa li jiġu segwiti l-approċċ ta' gvern sħiħ u l-approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha fil-livell nazzjonali u dak tal-UE. F'dan l-isfond, il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex ikollhom rwol attiv fl-indirizzar tal-vulnerabbiltajiet pan-Ewropej, inkluż is-sigurtà u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista bħala parti mis-sigurtà ekonomika, u biex iressqu inizjattivi biex tiżdied ir-reżiljenza u jittejbu r-risponsi skont kif ikun adatt, b'kunsiderazzjoni xierqa tat-teknoloġiji emerġenti.
8. Il-Kunsill ifakkar li, filwaqt li tibni fuq l-analiżi tat-theddid u kontributi tematiċi possibbli oħrajn, il-Boxxla Strateġika ser tiddefinixxi orjentazzjonijiet ta' politika u għanijiet u objettivi speċifiċi fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża, inkluż dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu.
9. Il-Kunsill jieħu nota tal-fatt li l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà tirrikonoxxi ċ-Ċellola ta' Fużjoni kontra t-Theddid Ibridu taċ-Ċentru tal-Intelligence u tas-Sitwazzjonijiet tal-UE (INTCEN) bħala l-punt fokali għall-valutazzjonijiet tat-theddid ibridu. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli flimkien mal-Kummissjoni biex iħejju inizjattivi dwar kif iċ-Ċellola ta' Fużjoni kontra t-Theddid Ibridu, fil-limiti tal-mandat tagħha, tista' tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-flussi ta' informazzjoni, għat-titjib tal-kapaċità ta' analiżi awtonoma tal-UE u għat-tisħiħ tal-ġharfien tas-sitwazzjoni fl-oqsma kollha relatati mat-theddid ibridu. Dan jinkludi l-kontribut volontarju mill-Istati Membri u l-kontribut mill-Istituzzjonijiet, l-aġenziji u l-korpi tal-UE li jkopru t-theddid ibridu. Il-Kunsill itenni l-pożizzjoni tiegħu⁵ dwar it-tisħiħ ulterjuri tal-ħidma taċ-Ċellola ta' Fużjoni kontra t-Theddid Ibridu u jappella biex din tiġi pprovduta b'riżorsi umani u finanzjament addizzjonali mingħajr preġudizzju għall-ħtiġijiet ta' ħidma tal-INTCEN f'oqsma oħra.

⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Sforzi komplementari għat-tisħiħ tar-reżiljenza u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu (ST 14972/19)

Barra minn hekk, huwa jappella għall-iżvilupp ta' kapaċità ta' analiżi tax-xejriet ibridi li tħares 'il quddiem biex jiġi analizzat it-theddid ibridu, b'konċentrazzjoni qawwija fuq it-theddid eżistenti, filwaqt li jittieħed kont tal-atturi ibridi emerġenti u l-attivitajiet malizzjużi tagħhom, inkluż dawk immirati lejn l-infrastruttura kritika u dawk li jużaw teknoloġiji ġodda.

10. Kull kriżi li għaddejja bħalissa tissottolinja l-ħtieġa għal infrastrutturi ta' informazzjoni sikuri u reżiljenti bejn l-Istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji Ewropej u fi ħdanhom, li jinkludu komunikazzjonijiet siguri għall-Istati Membri fi ħdan il-Kunsill u l-iskambju elettroniku rapidu ta' informazzjoni klassifikata. Il-Kunsill jappella lill-Istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE biex ikomplu jsaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza tagħhom. Skont il-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill u f'konformità mal-mandat mogħti mill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2019, il-Kunsill iħeġġiġhom bil-qawwa biex jaħdmu flimkien biex ikomplu jsaħħu l-kultura ta' sigurtà tagħhom u l-protezzjoni tal-persunal, l-informazzjoni, in-networks ta' komunikazzjoni u l-proċessi tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE, filwaqt li l-Istati Membri jappoġġaw lill-Istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE fl-isforzi tagħhom.
11. Minbarra t-tisħiħ tar-reżiljenza, li jibqa' wieħed mill-aktar kompiti importanti u jinsab fil-qalba tal-isforzi Ewropej biex jiġi miġġieled it-theddid ibridu, l-impenn u l-miżuri diplomatiċi huma għodda Ewropea effettiva oħra. Fix-xhur li ġejjin, il-Kunsill ser jeżamina aktar ir-risponsi possibbli fil-qasam tat-theddid ibridu, li jistgħu jkopru miżuri preventivi kif ukoll l-impożizzjoni ta' spejjeż fuq l-atturi statali u mhux statali ostili.
12. Il-Kunsill jinnota li l-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi spiss huma element kruċjali tat-theddid ibridu u jirrikonoxxi l-implimentazzjoni kontinwa tas-Sett ta' Għodod ta' Ċiberdiplomazija tal-UE bħala pass importanti għall-prevenzjoni, l-iskoraġġiment, id-deterrenza u r-rispons għal attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi, inkluż dawk l-attivitajiet ċibernetiċi malizzjużi li jagħmlu parti minn kampanja ibrida.

13. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa li l-Viċinat tal-UE u l-Balkani tal-Punent jiġu assistiti⁶ fit-tisħiħ tar-reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni u l-indħil barrani.
14. Il-Kunsill jenfasizza l-ħtieġa għal kooperazzjoni, fejn xieraq, ma' sħab li jkunu tal-istess fehma li jaqsmu l-valuri u l-prinċipji Ewropej sabiex jiġu żviluppati b'mod ulterjuri miżuri effettivi biex jiġu indirizzati l-indħil barrani u d-diżinformazzjoni.
15. Il-Kunsill jissottolinja wkoll l-importanza tal-implimentazzjoni effettiva taż-żewġ Dikjarazzjonijiet Konġunti dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO u s-sett komuni ta' proposti, b'rispett sħiħ tal-prinċipji ta' trasparenza, reċiproċità, inklużività u awtonomija fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-proċeduri taż-żewġ organizzazzjonijiet, u jtenni, f'dan il-qafas, il-ħtieġa għal kooperazzjoni msaħħa, ta' tisħiħ reċiproku u ta' benefiċċju, inkluż dwar il-ġlieda kontra t-theddid ibridu u d-diżinformazzjoni. Il-Kunsill jappella għal approvazzjoni u implimentazzjoni rapidi tal-pjan PACE għall-2022-2023 u, f'dan il-kuntest, itenni l-ħtieġa għal approċċ aktar ambizzjuż sabiex jissaħħu r-reżiljenza u s-sinerġiji bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet bħala pass ulterjuri lejn l-interazzjoni aktar mill-qrib tagħhom f'sitwazzjonijiet ta' kriżi reali. Huwa jilqa' wkoll il-kontributi siewja taċ-Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza għall-Ġlieda Kontra t-Theddid Ibridu f'Helsinki u jinkoraġġixxi l-kooperazzjoni tiegħu maċ-Ċentri ta' Eċċellenza rilevanti tan-NATO.
16. Il-Kunsill jisħaq ukoll fuq l-importanza tal-kontribut kontinwu li jipprovdu l-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, skont il-mandati tagħhom, fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu, inkluż id-diżinformazzjoni, u jissottolinja l-valur ta' riflessjoni kontinwa dwar kif il-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK jistgħu jindirizzaw it-theddid ibridu, inkluż billi jsaħħu r-reżiljenza tagħhom stess, kif ukoll billi jipprovdu appoġġ lill-istati ospitanti f'dan il-qasam, meta u kif ikun xieraq.

⁶ Dikjarazzjoni ta' Zagreb mis-6 ta' Mejju 2020:

<https://www.consilium.europa.eu/media/43763/zagreb-declaration-mt-06052020.pdf>